

## *Messaġġ mill-Għaqda Storika u Kulturali*

*Raymond Montebello*

# *Mixja mal-istorja max-xatt tal-Marsa*

Qabel xejn nixtieq nagħmel korrezzjoni żgħira li setgħet għamlet differenza kbira fit-titlu tal-artiklu li deher fil-ħarġa tal-ktieb tal-Banda Trinità Qaddisa tal-festa tas-sena l-oħra 2012, fejn it-titlu kellu jkun - IL-MARSA, SANTWARJU TA' QDUMIJA.

L-istorja tkompli, kif dejjem insostnu, li minħabba li l-Marsa tat kontribut fl-istorja bħala port, l-evidenza ta' fdalijiet jixhdu dan bis-sejbiet li komplew jinstabu speċjalment lejn ix-xatt. Minn dawn l-aħħar sejbiet li nstabu l-Menqa, issa nistgħu nieħdu stampa aktar ċara u wiesgħa tal-attività tal-Marsa bħala port. Sakemm jibqgħu jinstabu aktar fdalijiet lejn dawn l-inħawi, li għad irid isir aktar studju profond fuqhom, aħna, bħala Għaqda ser nibqgħu nieħdu ħsieb u nħarsu l-wirt tagħna tal-Marsa.

Din id-darba tajjeb li flimkien nagħmlu mixja tul ix-xatt kollu tal-Marsa u naraw fejn seta' kien hemm xi fdalijiet mill-imgħoddi, ta' kull epoka u żmien differenti. Jingħad x'jingħad, il-periferija tal-Marsa bħala port, tibda mix-Xatt ta' Pinto sa Ras Ħanżir. Li ġara hu li minħabba li l-konfini tal-ibliet u l-irħula bdew jinbidlu bil-liġijiet tal-Kunsilli Lokali u minħabba li ċertu xogħol konness mal-Port il-Kbir kellhom jieħdu rwol ieħor, sar dak li sar u l-imħażen ta' Pinto saru Valletta Waterfront imma ġew jagħmlu mal-Furjana waqt li Ras Ħanżir ġie inkorporat ma' Raħal Ġdid - Casal Paola. Dan minħabba l-baċir tal-Malta Shipbuilding li qata' kull komunikazzjoni tul ix-xatt u ġie iżolat mill-kumplament tal-mollijiet fil-Marsa. Kif konna qegħdin ngħidu, l-imħażen ta' Pinto mibnija fuq ix-xatt tal-Marsa bi ħdax-il maħżen u biswithom Knisja ddedikata lill-Ħarba lejn l-Eġittu, inbnew fi żmien il-Granmastru li jġibu ismu, Manoel Pinto (1741-1773).



*Faħħama jħottu l-faħam*

*ikompli f'paġna 75*



*Kalkara tal-ġir ta' żmien l-Ordni*

Skont mappa antika nsibu li biswit l-istess imħażen, lejn in-naħa ta' Moll iċ-Ċangaturi, taħt it-truf tas-swar tal-Furjana, li jiġi quddiem fejn illum hemm l-ex Sea Malta, kienet teżisti kalkara tal-ġir bi fran ġo fiha. Fi żmien il-Kavallieri kien hawn bosta kalkari tal-ġir u din tal-Marsa kienet waħda minnhom, fejn l-ewwel kien jitfarrak għadd ta' ġebel u mbagħad kien jiġi mitfugħ fil-fran, wara jxarrbuh, jinfaqa' u jsir ġir. It-taħlita tal-ġir maħdum f'Malta kien ta' materjal tajjeb ħafna u magħruf minn għadd ta' periti barranin kommissjonati mill-Ordni. Illum dawn il-fran ġew mgħottija bi blokka bini modern. Fl-istess post fejn kien hemm il-kalkara tal-ġir, wara ħafna snin, kienet teżisti wkoll fabbrika tal-kunserva. Kif nafu, fis-sena 2012, lejn il-menqa kien instab għadd ta' għadam uman u skoprew li kien ċimiterju Musulman ta' żmien il-Kavallieri. Fl-istess lok, lejn tmiem l-istess sena, kellna sejba oħra tant interessanti meta ftit 'il fuq mis-sejba tal-għadam uman instabu fdalijiet ta' binjiet Rumani flimkien ma' ġiebja u għadd ta' fuħħar u ċaqquf tal-istess epoka.

Fl-istess post, lura għas-sena 1975, waqt it-tlugħ tal-imħażen tad-dgħajjes tar-regatta tal-Marsa, kien instab baċir żgħir mirdum bit-terrapien li seta' kien ta' żmien il-Kavallieri. Illum minflok l-imħażen tar-regatta nsibu l-binja tal-MEPA. Minn fuq il-menqa tħares lejn Bieb il-Bombi l-Maltin, b'reżistenza kontra l-ħakma Franċiża tal-1798, kienu waqqfu batterija biex tostakola lit-truppi Franċiżi mill-Furjana. Din il-batterija kienet tat sehem qawwi kontra l-qawwiet Franċiżi waqt l-imblokk.

Mill-menqa nmorru lejn il-Moll tal-Ħatab fejn min jaf kemm fl-imgħoddi ra serbut ta' ħaddiema wara xulxin telgħin u neżlin fuq il-braken għall-faħam jew għal xi merkanzija oħra. Minn hawn induru lejn Moll il-Braken fejn mat-tarf naraw għadd ta' tined tal-patata li jibqgħu sejrin lejn id-dwana l-antika u bil-bini ta' Mifsud Veranda. Biswit it-tined tal-patata, fl-1998, eżatt f'nofs it-triq jew ma' Moll il-Pont, kienu nstabu fdalijiet tal-epoka Biżantina u wkoll fuq strutturi Rumani. F'dawn is-sejbiet hekk interessanti ta' fdal Biżantin instab li aktarx setgħet kienet fdal ta' knisja għaliex instab ossarju bi fdal ta' għadam uman. Wara li ġew studjati dawn reġgħu ġew mirduma.

*ikompli f'paġna 78*



Mill-istess post, imma din id-darba nħarsu 'l fuq, illum naraw iċ-ċmieni tal-Power Station, liema bini ħa post fejn xi darba kienet teżisti l-Villa ta' Ġan Franġisk Abela (l-ewwel storjografiku Malti) u l-ewwel mużew fuq l-istorja tagħna bi fdalijiet antiki li kien jiġbor. Fuq l-istess lok ir-Rumani kienu bnew kumpless ta' mħażen li tagħrif fuqhom kien tajhulna l-Markiż Barbaro fl-1785. Dawn il-fdalijiet kienu nstabu fi żmien il-Granmastru Pinto. Fuq din l-għolja msejħa Tal-Ġiżwiti kienu nstabu għadd ta' fdalijiet ta' oqbra u xi katakombi li kollha ġew miknusa bil-mixja tal-progress.

Bosta sejbiet f'dawn l-inħawi qatt ma ġew irrekordjati skont ir-rapport annwali tal-Mużew Nazzjonali ta' Malta tal-1960. Anki fuq il-Promontorju, fl-1798, il-Maltin kienu waqqfu batterija msejħa Tal-Ġiżwiti biex ixxekkel kull manuvra li l-Franċiżi setgħu jagħmlu bix-xwieni tagħhom fil-Port il-Kbir. Fuq l-istess pożizzjoni u għall-istess għan, jiġifieri ta' difiża, fl-aħħar assedju ta' Malta, dak tal-aħħar Gwerra Dinjija tal-1940-45, kienet twaqqfet batterija msejħa Ta' Ċejlu li kienet tat sehem qawwi u ddefendiet il-Port il-Kbir mill-attakki tal-ajruplani tal-għadu.

Illum meta nduru mad-dwana l-antika li kienet tissejjaħ Tal-Università jkollna nieqfu biex immoru lejn Moll il-Knisja għaliex illum hemm jagħmel mal-Power Station. Dari dawn l-inħawi kien abitati b'familji li xogħolhom kien konness max-xatt, flimkien ma' għadd ta' mħażen u knisja ddedikata lill-Madonna tal-Grazzji jew kif inhi magħrufa minna l-Marsin; Ta' Ċejlu, mibnija minn negozjant Giuseppe Zammit fl-1870. Kienet ukoll teżisti għassa tal-pulizija tal-Port u biswit din l-għassa kien hemm statwa tal-Madonna li llum qiegħda fil-parapett tal-istess knisja.

Sejba oħra interessanti saret fis-sena 2004 fejn illum hemm iċ-Ċentru Miftuħ għar-refuġjati f'Xatt il-Mollijiet. Minħabba l-ilma tax-xita u minħabba l-għargħar, ġie mwessa' kanal min-naħa ta' ġewwa taċ-Ċentru. Waqt it-tħammil instab għadd ta' ġebel kbir imdaqqas li jindika li seta' kien parti minn baċir u moll ta' żmien ir-Rumani. Fl-istess post fl-1904, waqt ix-xogħol li kien tiela' għall-bini tad-Depo tat-Tramm, kien instab ġibjun imdaqqas bil-qiegħ iċċangjat u msaqqaf fuq tliet arkati. B'hekk jagħtina x'nifhmu li dan il-baċir jew moll seta' kien utilizzat u komplut bħala port. Ma ninsewx ukoll li 'l ġewwa minn dan il-lok kien kollu baħar li kien jibqa' sejjer sal-bidu ta' Ħal Qormi. F'din id-daħla, l-evidenzi u l-fdalijiet li nstabu juruna li anki l-ġewwieni tal-Marsa kien attrezzat bħala lqugħ tal-qxur tal-baħar. Skont l-istoriku Ġan Franġisk Abela lejn dawn l-inħawi kien jeżisti ċimiterju Grieg.

Ma nistgħux ma nsemmux fejn tidħol l-istorja tal-Marsa, il-mewt tal-ewwel Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Philippe Villiers de l'Isle Adam. Però wieħed ta' min jgħid li, fuq deskrizzjoni li nsibu, il-baħar tal-Port kien jasal fejn illum hemm il-Marsa Sports Ground. Meta miet il-Granmastru L'Isle Adam, fit-23 ta' Awwissu 1534, il-ġisem tiegħu ttieħed mill-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat fejn miet lejn il-Birgu. Peress li kien wasal il-lejl ġie mqiegħed għal-lejl fil-Kappella ta' Ċeppuna ddedikata lil Marija Assunta. L-għada minn hemm, jgħidulna d-dokumenti, ġie meħud u mgħobbi fuq barkun biex jibqa' sejjer





*Waqt tħammil fiċ-Ċentru tar-refuġjati nkixfu żewġ ħaġriet kbar tal-Mall jew Baċir Ruman*

lejn il-Birgu. Għalhekk lura sa dak iż-żmien żgur li kien hemm il-baħar. Dawn biż-żmien saru għadajjar li nsaddu u f'xi waqtiet kienu ta' dannu għal saħħet il-bniedem minħabba li n-nemus li kien joqgħod fuq l-ilma qiegħed beda jġib il-mard.

Fost dokumenti nsibu li Ħal Qormi kellu jimtela b'għadd ta' fran ħalli d-duħħan itaffi l-konsegwenza u, min-naħa l-oħra, Raħal Ġdid li bena l-Granmastru Antoine de Paule, beda jipprova joktor bil-popolazzjoni għax in-nies sabitha bi tqila li tgħix f'dan il-post minħabba l-malarja li beda jikkawża dan l-ilma. Maż-żmien beda jiġi mwitti sakemm fl-1865 bl-ordni tal-Gvernatur Le Merchant dawn l-inħawi ġew imwittija għall-proġett ambizzjuż ta' dak iż-żmien tal-Portu Novu. Lejn l-aħħar tas-Seklu 19 il-Gvern kolonjali Ingliż kien irreklama l-art kollha msemmija biex is-servizzi Ingliżi f'Malta jkollhom post ta' rikreazzjoni u sports, fosthom żwiemel, *polo*, futbol, *cricket* u *rugby*. B'hekk bdiet tissejjaħ *Il-Marsa tal-Ingliżi*.

Ma ninsewx li bit-tajjeb u l-ħażin ta' dawn il-proġetti kollha li semmejna nqerdu għadd ta' fdalijiet u dawn jissemmew f'diversi rapporti minn nies maħtura mill-gvern ta' dawk iż-żminijiet, għax kif ngħidu, "IL-PROGRESS IĠIB IR-RIGRESS". Illum bosta minn dawn il-postijiet li semmejt fil-mixja tagħna matul ix-xatt ma fadal kważi xejn ħlief miktubin fuq il-kotba. Għalhekk huwa importanti ħafna li dak li jinstab nuruh id-dawl, narawh u mmissuh u mhux biss naqrawh fil-kotba tal-istorja.